

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-5 ta' Ġunju 2014 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Oberster Gerichtshof – l-Awstrija) – KONE AG, Otis GmbH, Schindler Aufzüge und Fahrstufen GmbH, Schindler Liegenschaftsverwaltung GmbH, ThyssenKrupp Aufzüge GmbH vs ÖBB Infrastruktur AG

(Kawża C-557/12)⁽¹⁾

**(Artikolu 101 TFUE — Kumpens għad-danni kkawżati minn akkordju pprojbit minn dan l-artikolu —
Danni li jirriżultaw mill-prezz ogħla applikat minn impriżza minħabba akkordju pprojbit, li hija ma
tipparteċipax fih (“umbrella pricing”) — Rabta kawżali)**

(2014/C 253/11)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Oberster Gerichtshof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: KONE AG, Otis GmbH, Schindler Aufzüge und Fahrstufen GmbH, Schindler Liegenschaftsverwaltung GmbH, ThyssenKrupp Aufzüge GmbH

Konvenuta: ÖBB Infrastruktur AG

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari – Oberster Gerichtshof – Interpretazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE – Kumpens għad-danni kkawżati minn akkordju pprojbit minn dan l-artikolu – Danni li jirriżultaw mill-prezz ogħla applikat minn impriżza minħabba akkordju pprojbit, li hija ma tipparteċipax fih

Dispożittiv

L-Artikolu 101 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi interpretazzjoni u applikazzjoni tad-dritt intern ta' Stat Membru li tikkonsisti fl-eskużjoni b'mod kategoriku, għal raġunijiet għuridici, tar-responsabbiltà cívili ta' impriżza li jipparteċipaw fakkordju, għal danni li jirriżultaw minn prezziżiet li ffissat impriżza li ma tipparteċipax f'dan l-akkordju, fid-dawl tal-agħir tal-imsemmi akkordju, fl-ivell oġħla minn dak li kien jiġi applikat fl-assenza tal-akkordju.

⁽¹⁾ ĠU C 71, 09.03.2013.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-22 ta' Mejju 2014 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Szegedi Ítélőtábla – l-Ungernja) – Érsekcsanádi Mezőgazdasági Zrt vs Bács-Kiskun Megyei Kormányhatal

(Kawża C-56/13)⁽¹⁾

(Direttivi 92/40/KE u 2005/94/KE — Deċiżjonijiet 2006/105/KE u 2006/115/KE — Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Artikoli 16, 17 u 47 — Miziuri ta' ġliedha kontra l-influwenza tat-tjur — Kumpens għad-danni)

(2014/C 253/12)

Lingwa tal-kawża: l-Ungernja

Qorti tar-rinviju

Szegedi Ítélőtábla

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Érsekcsanádi Mezőgazdasági Zrt

Konvenut: Bács-Kiskun Megyei Kormányhatal

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari – Szegedi Ítelőtābla – Interpretazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 92/40/KE, tad-19 ta' Mejju 1992, li tintroduċi miżuri Komunitarji għall-kontroll tal-influwenza tal-għasafar (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolo 3, Vol. 12, p. 306) u tad-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE, tal-20 ta' Diċembru 2005, dwar miżuri Komunitarji għall-kontroll tal-influwenza tat-tjur u li tħassar id-Direttiva 92/40/KEE (ĠU L 270M, p. 5) – Impriża agrikola ta' trobbija, li għandha bħala attivit b'mod partikolari t-tismin ta' dundjani, li ġiet irrifutata l-awtorizzazzjoni sabiex takkomoda dundjani għat-tismin f'sit ta' trobbija li jinsab f'żona ta' protezzjoni u ta' sorveljanza kontra l-influwenza tat-tjur stabbilita b'deċijoni amministrattiva – Kumpens għad-danni kkawżati lill-individwi minn miżuri ta' protezzjoni provviżorji li ttieħdu għall-eżekuzzjoni ta' atti normattivi tad-dritt tal-Unjoni

Dispożittiv

- 1) *Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/105/KE, tal-15 ta' Frar 2006, dwar ċerti miżuri provviżorji ta' protezzjoni rigward każijiet sospetti ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja f'għasafar selvaggie fl-Ungjerja, u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/115/KE, tas-17 ta' Frar 2006, dwar ċerti miżuri ta' protezzjoni rigward l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja f'għasafar selvaggie fil-Komunità u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/86/KE, 2006/90/KE, 2006/91/KE, 2006/94/KE, 2006/104/KE u 2006/105/KE, għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn ma jipprekludux, minn naħa, miżuri nazzjonali bħall-atti amministrattivi tal-15 u tal-21 ta' Frar 2006 li jordnaw l-istabbiliment ta' żona ta' protezzjoni fit-territorju amministrattiv ta' Csátalja u Nagybaracska (l-Ungjerja) u li jipprobjixxu l-għarr ta' tjur f'din iż-żona u, min-naħħa l-oħra, avviż amministrattiv bħal dak tat-23 ta' Frar 2006, li jirrifuta lil impriża bħar-rikorrenti fil-kawża prinċipali li takkomoda dundjani f'sit tat-trobbija tagħha li jinsab f'Nagybaracska.*
- 2) *Minn naħa, id-Deċiżjonijiet 2006/105 u 2006/115 għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma la jinkludu u lanqas ma jagħmlu riferiment għal dispożizzjonijiet intiżi li jistabbilixxu sistema ta' kumpens għad-danni kkawżati mill-miżuri li huma jipprevedu u, min-naħħa l-oħra, l-evalwazzjoni tal-legalità ta' leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ma tipprevedix kumpens sħiħ, inkluż in-nuqqas ta' qligħ, għad-danni sostnuti minħabba l-adozzjoni, b'mod konformi mad-dritt tal-Unjoni, ta' miżuri nazzjonali ta' protezzjoni kontra l-influwenza tat-tjur, fir-rigward tad-drittijiet għal rimedju effettiv u għall-proprietà kif ukoll tal-libertà tal-intrapriża, ma taqax taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.*

⁽¹⁾ ĠU C 147, 25.05.2013.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-5 ta' Ġunju 2014 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-College van Beroep voor het Bedrijfsleven – il-Pajjiżi l-Baxxi) – P. J. Vonk Noordegraaf vs Staatssecretaris van Economische Zaken

(Kawża C-105/13)⁽¹⁾

(Agrikoltura — Politika agrikola komuni — Skema ta' pagament uniku — Regolament (KE) Nru 73/2009 — Artikoli 34, 36 u 137 — Drittijiet għal pagament — Bażi ta' kalkolu — Primjums imħallsa għall-bhejjem u għall-biċċiet ta' art miżnuma mill-bidwi matul il-perijodu ta' referenza — Modifika tal-modalitajiet ta' stabbiliment tal-erja tal-biċċiet ta' art agrikola — Tnaqqis tan-numru ta' ettari eliġibbli għall-benefiċċju tal-ghajjnuna — Applikazzjoni tal-bidwi sabiex jinkiseb tnaqqis tan-numru u żieda fil-valur unitarju tad-drittijiet tiegħu għal pagament — Regolament (KE) Nru 796/2004 — Artikolu 73a (2a) — Ammissibbilità)

(2014/C 253/13)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

College van Beroep voor het Bedrijfsleven

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: P. J. Vonk Noordegraaf

Konvenut: Staatssecretaris van Economische Zaken